MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tat-3 ta' April, 2014

Citazzjoni Numru. 495/2013

Conris u Emmanuel miżżewġin **PAĊE RIVANS**

vs

Franco **RIVANS** u Joseph Rivans

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fl-24 ta' Mejju, 2013, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-atturi talbu li din l-Qorti (i) ssib li huma taw serviġi lil Mary Grace armla minn Joseph Rivans, u kif ukoll daħlu fi nfieq kbir li jintitolawhom għall-ħlas ta' kumpens; (ii) issib li huma ħarġu flus b'rabta mal-istess serviġi, kif għad irid jirriżulta waqt is-smigħ tal-kawża; (iii) tillikwida, jekk meħtieġ bil-ħatra ta' perit, ammont bħala kumpens għas-serviġi u għall-infieq li huma għamlu b'rabta ma' dan; u (iv) tikkundanna lill-imħarrkin biex iħallsuhom l-ammont hekk likwidat. Talbu wkoll l-imgħaxijiet legali u l-ispejjeż;

Rat id-degriet tagħha tas-6 ta' Ġunju, 2013, li bih ordnat in-notifika lill-imħarrkin u tat direttivi lill-atturi dwar it-tressiq tal-provi min-naħa tagħhom;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa mill-imħarrek Franco Rivans fil-25 ta' Ġunju, 2013, li biha laqa' għall-azzjoni attriċi billi, b'mod preliminari, eċċepixxa l-ġudikat maħluq b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fil-11 ta' Diċembru, 2009[1], bejn l-istess partijiet u kif ukoll li l-azzjoni tal-atturi waqgħet bil-preskrizzjoni għall-finijiet tal-artikolu 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili. Fil-mertu, laqa' billi qal li ma hemm l-ebda kumpens x'jitħallas lill-atturi għaliex, matul ħajjitha, omm il-partijiet kienet diġa' ikkumpensat lill-attriċi għas-serviġi li setgħet għamlet magħha u dan billi assenjatilha ġid immobbli. Qal li, f'kull każ, l-atturi jridu jressqu provi dwar dak li jallegaw;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa mill-imħarrek Joseph Rivans fil-21 ta' Awwissu, 2013, li biha laqa' għall-azzjoni attriċi billi b'mod preliminari, eċċepixxa l-ġudikat maħluq b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fil-11 ta' Diċembru, 2009, bejn l-istess partijiet u kif ukoll li l-azzjoni tal-atturi waqgħet bil-preskrizzjoni għall-finijiet tal-artikolu

[1] App. Ċiv. Nru. 246/2008/1 fil-kawża fl-ismijiet ***Conris Paċe Rivans vs Joseph Rivans u Francis Rivans***

2156(f) tal-Kodiċi Ċivili. Fil-mertu, laqa' billi qal li ma hemm l-ebda kumpens x'jitħallas lill-atturi għaliex, matul ħajjitha, omm il-partijiet kienet diġa' ikkumpensat lill-attriċi għas-serviġi li setgħet għamlet magħha u dan billi assenjatilha ġid immobbli. Qal li, f'kull każ, l-atturi jridu jressqu provi dwar dak li jallegaw;

Rat id-degriet tagħha tat-8 ta' Ottubru, 2013[2], li bih ħalliet il-kawża għat-trattazzjoni tal-eċċezzjoni tal-ġudikat;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-imħarrkin dwar l-imsemmija eċċezzjoni preliminari waqt is-smigħ tat-12 ta' Diċembru, 2013;

Rat id-degriet tagħha tal-24 ta' Jannar, 2014[3], li bih u fuq talba magħmula mill-atturi b'rikors tagħhom tat-8 ta' Jannar, 2014, waqfet milli tgħaddi għall-għoti tas-sentenza dwar l-imsemmija eċċezzjoni preliminari biex tingħata lill-istess atturi l-opportunita' li jressqu s-sottomissjonijiet tagħhom dwarha;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet dwar l-imsemmija eċċezzjoni preliminari waqt is-smigħ tal-20 ta' Frar, 2014;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degriet tagħha tal-20 ta' Frar, 2014 li bih ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza dwar l-eċċezzjoni preliminari tal-ġudikat;

***Ikkunsidrat:***

[2] Paġ, 32 tal-proċess
[3] Paġ. 36 tal-proċess

Illi din hija azzjoni għal ħlas ta' serviġi u kumpens għal infieq magħmul mill-atturi għall-benefiċċju tal-persuna mgħejjuna. L-atturi jgħidu li għal tul ta' żmien daru b'omm l-attriċi u li kellhom saħansitra jbiegħu ġid immobbli biex ikunu f'qagħda li jħallsu għan-nefqiet li kienu meħtieġa biex daru biha sa mewtha. Jgħidu li ta' xejn talbu lill-imħarrkin biex iħallsuhom il-kumpens xieraq, għaliex dawn naqsu milli jħallsu s-sehem tagħhom u kellhom jiftħu din il-kawża;

Illi l-imħarrkin laqgħu bi Tweġibiet għal rashom imma li jgħidu l-istess ħaġa. B'mod preliminari, qalu li l-mertu tal-azzjoni tal-lum hu milqut mill-ġudikat maħluq b'sentenza li kienet ingħatat mill-Qorti tal-Appell f'Diċembru tal-2009. Qalu wkoll li l-azzjoni attriċi waqgħet bil-preskrizzjoni tal-ħames snin maħsuba fl-artikolu 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili. Laqgħu wkoll b'eċċezzjonijiet fil-mertu;

Illi din is-sentenza qiegħda tingħata dwar l-ewwel eċċezzjoni preliminari dwar ir-*res judicata*;

Illi għal dak li jirrigwarda l-istħarriġ li meħtieġ isir għall-finijiet ta' din is-sentenża, il-<u>fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża</u> juru li l-attriċi hija oħt iż-żewġ imħarrkin, filwaqt li l-attur huwa żewġha. Omm il-partijiet, Mary Grace armla Rivans, kienet għamlet żmien tgħix mal-atturi fid-dar tagħhom f'Wied il-Għajn;

Illi f'xi żmien matul l-2008, l-attriċi kienet fetħet kawża kontra ħutha l-imħarrkin quddiem it-Tribunal għat-Talbiet Żgħar li biha talbet "riżarċiment ta' tlitt elef erba' mija u disgħin euro (€ 3,490) jew somma oħra verjuri li tiġi iffissata mit-Tribunal in rappreżentanza ta' nfieq għal ommha, Mary Grace Rivans, peress li hija qiegħda tieħu ħsieb lil ommha";

Illi b'sentenza tat-3 ta' Lulju, 2009, it-Tribunal għat-Talbiet Żgħar ċaħad it-talba tal-attriċi u ħeles lill-imħarrkin milli jibqgħu fil-ġudizzju. L-attriċi appellat u b'sentenza mogħtija fil-11 ta' Diċembru, 2009[4], u għar-raġunijiet hemm imfissra, ċaħad l-appell tal-attriċi w ikkonferma d-deċiżjoni tat-Tribunal;

Illi Mary Grace Rivans mietet fl-14 ta' Novembru, 2011;

Illi l-atturi fetħu din il-kawża fl-24 ta' Mejju, 2013;

Illi bħala <u>konsiderazzjonijiet ta' natura legali marbuta mal-eċċezzjoni taħt eżami</u> jibda biex jingħad li, mit-trattazzjoni li saret quddiemha mill-avukati tal-partijiet, jidher li hemm qbil bejniethom dwar x'inhuma l-elementi meħtieġa u stabiliti dwar x'jikkostitwixxi l-ġudikat. Dak li ma jaqblux dwar l-partijiet huwa jekk huwiex minnu li dawn l-elementi jirriżultaw f'dan il-każ;

Illi llum il-ġurnata hemm qbil ġenerali kemm fid-dottrina u kif ukoll fis-sentenzi tal-Qrati dwar x'inhuwa meħtieġ biex l-eċċezzjoni tal-ġudikat tista' tintlaqa'. Tlieta huma l-elementi li jmisshom jiġu murija minn min iqanqal l-eċċezzjoni biex din isseħħ. Dawn l-elementi huma (a) l-istess oġġett (*eadem res*), (b) l-istess partijiet (*eadem personae*) u (ċ) l-istess mertu (*eadem causa petendi*). Huwa siewi li wieħed iżomm quddiem għajnejh ukoll il-massima li biex dik l-eċċezzjoni tirnexxi jeħtieġ li t-tliet elementi jkunu jikkonkorru għax, fin-nuqqas, ma jistax jingħad li l-ħaġa hija l-istess (*nisi omnia concurrunt, alia res est*);

Illi l-eċċezzjoni tal-ġudikat tissemma fl-artikolu 730 tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili bħala waħda li dwarha għandha tingħata deċiżjoni b'kap għaliha, ukoll jekk tinqata' flimkien mal-mertu fid-deċiżjoni aħħarija;

[4] Dok "A", f'paġġ. 13 sa 24 tal-proċess

Illi, kif ingħad f'għadd ta' deċiżjonijiet, l-eċċezzjoni tal-ġudikat għandha bħala sisien tagħha l-interess pubbliku u hija maħsuba biex tħares iċ-ċertezza tal-jeddijiet li jkunu ġew definiti f'sentenza[5], li tbiegħed il-possibilita' ta' deċiżjonijiet li jmorru kontra xulxin u li ttemm il-possibilita' ta' kwestjonijiet li jibqgħu miftuħa bi ħsara tal-jeddijiet stabbiliti bis-sentenza illi tkun ingħatat[6];

Illi minħabba fil-fatt li dik l-eċċezzjoni timmira li twaqqaf azzjoni li jkun altrimenti jistħoqqilha tiġi meqjusa minn qorti, l-eċċezzjoni tal-ġudikat għandha tingħata interpretazzjoni dejqa[7], tant li, f'każ ta' dubju, l-ġudikant għandu jaqta' kontra dik l-eċċezzjoni[8];

Illi, min-naħa l-oħra, dan il-prinċipju huwa mwieżen b'dak l-ieħor daqstant għaqli li, fejn kwestjoni tkun ġiet definita u trattata, s-sentenza ssir irrevokabbli jekk, wara li tiġi appellata jew ritrattata, tiġi konfermata; jew, jekk ma tiġix appellata jew ritrattata fiż-żmien li tippreskrivi l-liġi, ma ssir l-ebda proċedura oħra li tattakka lil dik is-sentenza[9]. Dan il-prinċipju jissaħħaħ meta l-kwestjoni li dwarha tinfetaħ it-tieni kawża tkun diġa' teżisti fil-waqt li tingħata s-sentenza fl-ewwel kawża[10];

Illi fil-kawża tal-lum, ma jidhirx li hemm xi kontestazzjoni bejn il-partijiet dwar iż-żewġ elementi tal-identita' tal-persuni (għalkemm tajjeb jingħad li l-attur fil-kawża tal-lum ma kienx ukoll attur fil-kawża maqtugħa mill-Qorti tal-Appell f'Diċembru tal-2009) u tal-identita' tal-ħaġa li hija s-suġġett tal-kawża tal-lum u dik li kienet is-suġġett tal-kawża maqtugħa;

Illi jidher li l-punt kontrovers huwa dak dwar l-element tal-identita' tat-talba attriċi preżenti mat-talbiet li kienu saru fil-kawża l-oħra li l-attriċi kienet fetħet kontra ħutha l-imħarrkin quddiem it-Tribunal għat-Talbiet Żgħar. Ġeneralment, b'dan l-element wieħed jifhem u jirreferi għat-titolu jew kawżali li fuqhom jinbnew it-talbiet tal-kawża. Dwar dan il-punt inqalgħu għadd ta' diffikultajiet matul iż-żmien dwar it-tifsira xierqa li jmissha tingħata lill-frażi l-"istess kawżali" (*eadem causa petendi*), l-iżjed dwar kemm għandha titwessa' t-tifsira tal-identita' bejn dak li jkun ġie deċiż u dak li jkun qiegħed jintalab fit-tieni kawża[11]. Huwa tassew ovvju li l-eċċezzjoni tal-ġudikat tintrabat ma' l-eżistenza ta' sentenza; il-kwestjoni hija jekk tintrabatx biss mal-parti dispożittiva tagħha (fil-kliem

---

[5] App. Kumm. **5.10.1992** fil-kawża fl-ismijiet ***Herrera noe vs Cassar noe et*** (Kollez. Vol: **LXXVI.ii.489**)
[6] App. Ċiv. **28.6.1973** fil-kawża fl-ismijiet ***Caterina Ġerada et vs Avukat Antonio Caruana*** (mhix pubblikata)
[7] P.A. PS **28.3.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Borġ et vs Anthony Francis Willoughby et***
[8] Ara, per eżempju, App. Ċiv. **5.10.1998** fil-kawża fl-ismijiet ***J. Camilleri vs L. Mallia*** (Kollez. Vol: **LXXXII.ii.305**), u s-sentenzi hemm imsemmija
[9] Ara P.A. **11.3.1949** fil-kawża fl-ismijiet ***Cassar Parnis vs Soler*** (Kollez. Vol: **XXXIII.ii.344**);
[10] P.A. GV **27.6.1995** fil-kawża fl-ismijiet ***A.P. Farruġia noe vs T. Borġ Reveille et*** (Mhix pubblikata)
[11] Kost. **25.1.2013** fil-kawża fl-ismijiet ***John Camilleri vs Avukat Ġenerali***

strettament użati mill-ġudikant fl-ewwel sentenza) jew inkella jekk tintrabatx ukoll mal-konsiderazzjonijiet jew motivazzjonijiet li jintagħmlu u li jwasslu għal dik is-sentenza[12];

Illi f'dan ir-rigward, il-Qorti tqis li biex tabilħaqq jista' jingħad jekk hemmx identita' tal-oġġett tal-kawża bejn l-ewwel kawża maqtugħa b'sentenza u l-kawża li fiha titqajjem l-eċċezzjoni tal-ġudikat, wieħed irid "jeżamina jekk il-kwestjoni li tiġi sollevata bit-tieni domanda ġietx jew le ġja' deċiża bil-ġudikat preċedenti; fi kliem ieħor, jekk il-punt li jiġi diskuss fit-tieni kawża ġiex jew le ġudikat bis-sentenza ta' qabel, jew jekk dik l-ewwel sentenza ħallietx dak il-punt impreġudikat"[13];

Illi l-Qorti tosserva li ġie wkoll għadd ta' drabi mfisser li l-ġudikat isir japplika mhux biss dwar dak li jkun ġie espressament dibattut fil-kawża li s-sentenza tagħha titqiegħed bħala l-bażi tal-eċċezzjoni tal-ġudikat, imma japplika wkoll dwar dak li messu jew seta' ġie diskuss u ma jkunx ġie diskuss mill-parti li kellha interess li tiddiskutih[14]. Il-bidla jew differenza fil-mottivi tal-*causa petendi* fit-tieni proċediment ma jġibx fix-xejn il-ġudikat[15];

Illi din il-Qorti tqis li huwa sewwasew minħabba f'hekk li l-liġi tipprovdi[16] li s-sentenza għandha tkun motivata u li jingħataw ir-raġunijiet li fuqhom il-Qorti tkun sejset id-deċiżjoni tagħha. Huwa minħabba dawk ir-raġunijiet li wieħed jista' jifhem x'ikun wassal lill-Qorti taqta' l-kawża kif fil-fatt qatgħetha. Kien għalhekk li jingħad li d-dispożittiv ta' sentenza m'għandux jittieħed separatament mill-motivat, imma ghandu jiġi minn dan definit u spjegat[17];

Illi dan it-tagħlim ġie mfisser u mtenni wkoll b'mod ċar ħafna fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-**26 ta' Mejju, 1967** fil-kawża fl-ismijiet <u>*Grima vs Fava et*</u>[18] li għaliha u r-rassenja ta' ġurisprudenza msemmijin fiha ssir riferenza;

---

[12] App. Ċiv. **31.3.1952** fil-kawża fl-ismijiet ***Borġ noe vs Farruġia*** (Kollez. Vol.**XXXVI.I.75)**

[13] Ara App. Inf. PS **23.1.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Alfred Lanzon et vs Charles Żammit Cordina***
[14] App. Ċiv. **6.5.2011** fil-kawża fl-ismijiet ***Lambusa Maritime Company Ltd vs Freightzone (Malta) Ltd.***
[15] Ara P.A. FGC **4.6.1999** fil-kawża fl-ismijiet ***Cole Foods Limited vs Accent Clear Traders Company Limited*** (mhix pubblikata) u l-għadd ta' sentenzi hemm imsemmija
[16] Art. 218 tal-Kap 12;
[17] Ara App. Ċiv. **25.4.1938** fil-kawża fl-ismijiet ***Sciberras Trigona vs Sammut et*** (Kollez. Vol: **XXX.i.131**); App. Ċiv. **31.3.1952** fil-kawża fl-ismijiet ***Borġ vs Farruġia*** (Kollez. Vol: **XXXVI.i.76**) u App. Ċiv. **12.5.1958** fil-kawża fl-ismijiet ***Testaferrata Boniċi utrinque*** (Kollez. Vol: **XLII.i.287**)
[18] Kollez. Vol: **LI.i.325**

Illi, fil-qosor jingħad li, jekk bejn it-talbiet tat-tieni kawża u dak li ġie deċiż fl-ewwel kawża jkun hemm kontradizzjoni w impossibilita' ta' ko-eżistenza, allura jirrikorri r-rekwiżit tal-identita' tal-oġġett[19] li jikkostitwixxi dan l-element kostitutiv tal-eċċezzjoni tal-ġudikat;

Illi l-Qorti qieset sewwa l-kliem u t-tfassila taż-żewġ kawżi mibdija mill-attriċi u ssib li tirriżulta tassew identita' fit-talbiet bejn il-kawża l-oħra u din. Dan jingħad għal aktar minn raġuni waħda. Fl-ewwel lok, kemm it-talba mressqa quddiem it-Tribunal għat-Talbiet Żgħar u kif ukoll l-ewwel talba f'din il-kawża jitkellmu dwar rifużjoni ta' nefqiet marbuta mal-għoti ta' serviġi. Fit-tieni lok, kemm fil-konsiderazzjonijiet magħmulin mit-Tribunal u kif ukoll dawk mill-Qorti tal-Appell wara li ngħatat is-sentenza tat-Tribunal, joħroġ ċar li sar stħarriġ tal-pretensjoni tal-għoti tas-serviġi u, iżjed minn hekk, ta' jekk l-attriċi jistħoqqilhiex tingħata l-kumpens minnha pretiż. Iżid jingħad li l-Qorti tal-Appell marret aktar minn hekk u għamlet konsiderazzjonijiet saħansitra fuq jekk l-attriċi kenitx diġa' kumpensata bil quddiem minn ommha u jekk dak li kienet irċeviet (kif jallegaw l-imħarrkin fit-tielet eċċezzjoni tagħhom f'din il-kawża) kienx jista' jitqies bħala ħlas preventiv kontra pretensjonijiet ulterjuri għal kumpens. Dan huwa sewwasew dak li jridu l-ewwel żewġ talbiet attriċi fil-kawża tal-lum. Fit-tielet lok, l-identita' bejn dak mitlub fiż-żewġ kawżi toħroġ mill-kliem innifsu wżat fiż-żewġ atti, liema diċitura tixhed identita' ta' motivi fil-parti attriċi għat-tressiq tal-kawżi min-naħa tagħha[20];

Illi dan kollu jwassal għall-fehma li dan it-tielet element meħtieġ għas-siwi tal-eċċezzjoni taħt eżami intwera li jeżisti wkoll u għalhekk hemm raġuni tajba biex l-eċċezzjoni tintlaqa';

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tilqa' l-eċċezzjoni preliminari** taż-żewġ imħarrkin u ssib li l-azzjoni attriċi hija milquta mill-ġudikat maħluq bis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sedi Inferjuri) fil-11 ta' Diċembru, 2009, fil-kawża fl-ismijiet

[19] Ara P.A. RCP **9.1.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Rabat Construction Ltd vs Cutajar Construction Co Ltd***.
[20] P.A. (Kost) TM **15.10.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Aquilina vs Avukat Ġenerali***

"*Conris Pace Rivans vs Joseph Rivans u Francis Rivans*" (App. Ċiv. Nru. 246/08/1);

**Teħles lill-imħarrkin** mill-ħarsien tal-ġudizzju safejn l-azzjoni attriċi hija milquta mill-imsemmi ġudikat; u

**Tikkundanna** lill-atturi jħallsu l-**ispejjeż tal-kawża.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------